# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 14**

**Rikors Numru 421/12 JZM**

**FIMBank p.l.c. (C 17003) gja maghruf bhala First International Merchant Bank p.l.c.**

**v.**

**Almeco Limited (C 20939)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjetà FIMBank p.l.c. fis-27 ta' April 2012 li fih jinghad hekk:

> "Illi permezz ta' sentenza moghtija minn dina l-Qorti fis-16 ta' Gunju 2003 fil-kawza fl-ismijiet "First International Merchant Bank p.l.c. vs Almeco Limited et" (Citaz. Nru. 1153/2002JA) kopja annessa, is-socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditur tas-socjeta` intimata fis-sommom ta' Euro 844,899.00, GBP 845,877.00 u US$5,842.00 liema sentenza ghaddiet in gudikat ;
>
> "Illi dan il-kreditu baqa' qatt ma gie saldat mis-socjeta` intimata ;
>
> "Illi matul l-ahhar snin saru diversi inkontri bejn il-kontendenti sabiex jinstab mezz ta' kif jista' jigi saldat il-kreditu tas-socjeta` rikorrenti izda

minkejja diversi tentattivi u proposti da parti tas-socjeta` intimata, ma sar ebda zvilupp sostanzjali fil-qaghda finanzjarja taghha ;

“Illi huwa evidenti illi s-socjeta` intimata mhijiex f’qaghda li thallas il-kredituri taghha u in vista tad-debitu sostanzjali li ghandha fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, jidher car illi s-socjeta` intimata fic-cirkostanzi attwali mhijiex ser tkun f’qaghda li thallas ebda pagament akkont tad-djun li ghandha;

“Illi fuq kollox is-socjeta` rikorrenti ghandha x’tifhem illi s-socjeta` intimata mhijiex topera u n-negozju taghha ilu sospiz zmien ghal perjodu ta’ aktar minn tnax-il xahar;

“Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :-

“(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` intimata Almeco Limited mhijiex f’qaghda li thallas id-djun taghha u li n-negozju tas-socjeta` intimata ilu sospiz ghal perjodu bla waqfien ta’ tnax-il xahar u konsegwentement tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-istess socjeta` intimata a tenur tal-Artiklu 214(2)(a)(i) u (ii) tal-Att XXV tal-1995 Dwar il-Kumpanniji.

“(2) Taghti kull provvediment opportun sabiex jinhatar l-istralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali skond id-disposizzjonijiet tal-Att XXV tal-1995 Dwar il- Kumpanniji.

“Bl-ispejjez.”

Rat il-provvediment tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta’ Frar, 2013,li permezz tieghu ddecidiet ir-rikors billi:

“Sodisfatti r-rekwiziti tal-Art.214(2)(a)(i), tal-Art.214(2)(a)(ii) u tal-Art.214(5)(b) tal-Kap.386, din il-Qorti hija tal-fehma illi mejqusa b’reqqa l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz, fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet ta’ dritt fuq riferiti, ghandha tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata.

“Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti kif gej –

“1) Tiddikjara li fir-rigward tal-kumpannija Almeco Limited (C20939) jirrizultaw ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi r-rekwiziti tal-Art.214(2)(a)(i), tal-Art.214(2)(a)(ii) u tal-Art.214(5)(b) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“2) Tordna x-xoljiment tal-kumpannija Almeco Limited (C20939) b’effett mis-27 ta’ April 2012 skond l-Art.223(1) tal-Kap.386 u tordna wkoll l-istralc taghha.

"3) Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art.228 et seq tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita' ta' dawk is-setghat u dmirijiet –

"a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija ntimata kif irid l-Art.226 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Art.227 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.

"b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija ntimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

"c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija ntimata kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.

"d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija ntimata.

"e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija intimata.

"f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.

"L-ispejjez jibqghu fl-intier taghhom a kariku tal-kumpannija intimata."

Dik il-Qorti tat il-provvediment taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"II. <u>Provi</u>

"Fis-16 ta' Ottubru 2003, il-bank rikorrent, li dak iz-zmien kien jismu "First International Merchant Bank p.l.c." ipprezenta citazzjoni bin-Nru. 1153/2002 JA quddiem din il-Qorti diversament presjeduta kontra l-intimata Almeco Limited, u kontra Borg Holdings Limited, Alpha Colour Limited, Charles u Margaret konjugi Borg, Raymond u Rita konjugi Borg, Silvio u Patricia konjugi Borg, R.R.B. Limited u Karl Borg fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna (1) lil Almeco Limited sabiex bhala debitur principali thallas €844,889, GBP 845,877 u US$ 5,842 ; (2) lil Borg Holdings Limited, Alpha Colour Limited, Charles u Margaret konjugi Borg, Raymond u Rita konjugi Borg, Silvio u Patricia konjugi Borg, sabiex bhala garanti "in solidum" bejniethom, u flimkien mal-konvenuti kollha, ihallsu l-istess debitu globali ta' Almeco Limited kanonizzat sal-ammont massimu ekwivalenti ghal US$ 2,300,000 ; u (3) lis-socjeta` attrici R.R.B. Limited u Karl Borg, bhala garanti "in solidum" bejniethom, u flimkien mal-konvenuti kollha, sabiex ihallsu l-istess debitu globali ta' Almeco Limited kanonizzat sal-ammont massimu ekwivalenti ghal US$ 450,000, flimkien mal-imghaxijiet

kummercjali mit-3 ta' Ottubru 2002, u bl-ispejjez nkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju tas-7 ta' Ottubru 2002, kontra l-konvenuti. It-talbiet attrici kienu ammessi mill-konvenuti kollha. U l-Qorti, b'sentenza moghtija fis-16 ta' Gunju 2003, laqghet it-talbiet kollha kif dedotti bl-ispejjez kontra l-konvenuti. Is-sentenza ghaddiet in gudikat.

"Vincent Farrugia, Senior Manager tal-bank rikorrent, xehed illi wara kienet deciza l-kawza, il-kreditu li kellu l-bank fl-Sterlina bl-interessi sal-20 ta' Novembru 2012 kien tela' ghal GBP 1,700,815. Kreditu iehor li kellu l-bank fl-Euro, wara li saru xi pagamenti, nizel ghal €509,554 fl-20 ta' Novembru 2012. Kien prezentat rendikont li juri l-bilanci ta' flus dovuti lill-bank. Matul l-ahhar sitt snin, ma kienx hemm kuntatti bejn il-bank u d-diretturi tal-kumpannija intimata.

"Carmel Borg, direttur tal-kumpannija intimata, xehed illi Almeco Limited kienet tesporta "aluminium profiles" li tahdem hi. Kienet topera minn fabbrika HF12 fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Far li kienet tikri minghand il-Malta Development Corporation. Waqfet topera ghaliex il-Gvern ha pussess tal-fabbrika, skond ix-xhud, illegalment. Dan kien fl-1 ta' Dicembru 2007. Minn dakinhar il-kumpannija intimata waqfet topera. U baqghet ma toperax lanqas minn band'ohra. Hemm diversi kawzi pendenti bejn il-kumpannija intimata u l-Gvern dwar t-tehid tal-fabbrika. Ma setghetx topera minn band'ohra ghaliex il-Gvern qabad anke l-makkinarju. In segwitu saret anke hsara fis-sit. Koxjenti mill-fatt illi l-kumpannija kienet debitur ta' Fimbank, ippruvat tasal ghal ftehim maghha sabiex terga' tibda n-negozju pero' ma waslux ghal ftehim ghaliex kien hemm min poggiehom in bad light ma' Fimbank. Ma setax ighid jekk l-ahhar statements tal-bank kienux korretti nkella le ghaliex meta huwa ra dawk l-statements ghall-ewwel darba dakinhar tal-udjenza tal-20 ta' Novembru 2012 ghalkemm kienu ntalbu qabel mill-bank. Wara s-sentenza tas-16 ta' Gunju 2003, saru pagamenti fosthom wiehed ta' €250,000.

"Kienu esebiti l-accounts tal-kumpannija ghas-sena li taghlaq 1 ta' Dicembru 1999 u kienu markati Dok LB1.

"Carmel Borg ikkonferma li dawk kienu l-ahhar accounts li ntbaghtu lir-Registratur tal-Kumpanniji. Skond ix-xhud, wara accounts ma sarux ghaliex il-karti nqabdu fil-fabbrika. Ikkonferma li l-kumpannija kellha kredituri ohra. Semma wiehed Thomas C Smith li, skond ix-xhud, ma kienx kbir komparat ma' dak tal-bank rikorrent. Sostna li l-kumpannija ma kellhiex assi.

"Mistoqsi specifikament mill-Qorti jekk ladarba l-kumpannija kellha l-klijenti, u ladarba gralha dak li gralha mal-Gvern, ippruvat hi topera minn band ohra *with fresh capital* biex tinvesti f'makkinarju u tikkonserva n-negozju li kellha, Carmel Borg wiegeb li bil-*capital outlay* involut ma kienx possibbli li tibda *from scratch*.

"Ix-xhud ikkonferma li l-Gvern mexxa bl-izgumbrament minhabba morzita' fil-hlas tal-kera da parti tal-kumpannija intimata.

"Ikkunsidrat :

"III. Risultanzi u Dritt

"Din hija kawza fejn qieghed jintalab minn din il-Qorti ordni ta' xoljiment u ta' stralc tal-kumpannija Almeco Limited (C20939).

"Huwa evidenti mill-premessi tar-rikors promotorju illi l-kumpannija rikorrenti, bhala kreditrici tal-kumpannija intimata, qeghda tibbaza t-talba taghha skond l-Art.214(2)(a) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

"F'din id-disposizzjoni jinghad illi kumpannija tista' xxolji u tkun stralcjata mill-qorti f'zewg cirkostanzi li huma–

*"(i) jekk in-negozju tal-kumpannija jkun sospiz ghal perjodu bla waqfien ta' erbgha u ghoxrin xahar ; jew*

"*(ii) jekk il-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha.*

"Din il-Qorti se tqis it-tieni cirkostanza l-ewwel.

"Is-subinciz (ii) irid jinqara flimkien ma' l-Art.214(5) li jistabilixxi meta kumpannija ghandha titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ghall-finijiet ta' l-istess subinciz. Tnejn huma c-cirkostanzi definiti mil-ligi –

*"(a) jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ; jew*

*"(b) jekk ikun ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.*

"Il-kumpannija rikorrenti tghid illi l-kumpannija intimata *mhijiex f'qaghda li thallas il-kredituri taghha u in vista tad-debitu sostanzjali li ghandha fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, jidher car illi s-socjeta` intimata fic-cirkostanzi attwali mhijiex ser tkun f'qaghda li thallas ebda pagament akkont tad-djun li ghandha.*

"Meta tfassal il-mudell ghal-ligi taghna l-gdida dwar il-kumpanniji, il-qafas maghzul kien dak tal-Companies Act Ingliza 1985. Fil-ligi Ingliza, ix-xoljiment u l-istralc ta' kumpanniji kien trattat f'legislazzjoni ad hoc u cioe' l-Insolvency Act 1986. Meta fl-1995 saret il-ligi taghna l-gdida dwar il-kumpanniji (illum Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta) li hadet post il-

Commercial Partnerships Ordinance 1962, id-disposizzjonijiet li jolqtu x-xoljiment u l-istralc kienu integrati fl-Att tal-1995.

"Fil-ligi taghna, li *kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha* ghandu sinfikat preciz u definit mil-ligi stess fis-subinciz (5) tal-Art.214. Fil-ligi Ingliza, il-posizzjoni hija aktar wiesgha. Il-koncett ta' insolvenza fil-ligi taghna huwa aktar ristrett minn dak tal-ligi Ingliza ghalkemm hemm *overlaps*.

"Fit-Tmien Edizzjoni (2012) ta' l-ktieb <u>Boyle & Birds' Company Law</u> (pubblikat minn Jordans) pg.859 et seq, jinghad hekk) *balance sheet insolvency") ...*

"Fil-Kap.386, *cash flow insolvency* tista' tigi abbinata mas-subparagrafu (a) tal-Art.214(5) waqt li *balance sheet insolvency* tista' tigi abbinata mas-subparagrafu (b) tal-istess Art.214(5).

"Fil-kaz ta' *cash flow insolvency* din il-Qorti tghid b'differenza mal-ligi Ingliza: fis-sens illi waqt li fil-Kap.386 huwa specifikat <u>bil-preciz</u> x' m'ghandhiex taghmel kumpannija debitrici sabiex ma tkunx meqjusa li ma tistax thallas id-djun taghha, fil-ligi Ingliza il-kriterju huwa aktar generiku ghax ikun hemm dik it-tip ta' insolvenza *if it unable to pay its debts as they fall due.*

"Fil-<u>Boyle & Birds' Company Law</u> (op. cit.) ikompli jinghad hekk –

*"Failure to pay a debt which is due and not disputed amounts to evidence of cash flow insolvency. Thus a company which has a policy of late payment of bills could find itself the subject of a petition for a winding-up order or administration order. Such a petition will not be struck out at an early stage as a form of improper pressure and an abuse of the process of the court, because, as Staughton LJ explained in Taylor's Industrial Flooring (1990. BBC 44 at 51) creditors, not late payers, are more worthy of insolvency law's protection.*

*"Many people today seem to think that they are lawfully entited to delay paying their debts when they fall due or beyond the agreed period of credit, if there is one ... This can cause great hardship to honest traders, particularly those engaged in small businesses recently started. Anything which the law can do to discourage such behaviour in my view should be done."*

*"The position is different if there is a bona fide dispute about a debt. A petition based on a disputed debt will usually be dismissed because the procedure is illequipped to resolve factual matters. However it will not be dismissed where the petitioning creditor has a good arguable case and the dismissal would deprive the petitioner of a remedy, injustice would otherwise result, or there is some other sufficient reason for the petitioner to proceed.*

"Fil-ktieb Insolvency Law – Corporate and Personal ta' Andrew Keay u Peter Walton (pubblikat minn Pearson Longman – 2003) pg.17 jinghad hekk dwar cash flow insolvency kif mifhuma fil-kuntest tal-Insolvency Act 1986 –

*"The court, in examining whether a company is suffering cash flow insolvency, will consider whether the company is actually paying its debtors. Courts must take into account what current revenue the company has as well as what the company can procure by realising assets within a relatively short time ... A company can rely upon money which might be obtained from the sale of assets or upon money which might be obtained on the strength of its assets ... It is possible that sometimes a debtor might be able to establish solvency by demostrating that funds can be obtained through an unsecured loan. In considering whether a person or a company is insolvent, the debtor's whole financial position must be studied ... and a temporary lack of liquidity does not necessarily mean that the company is insolvent ...*

"At one time courts were rather strict on what they required to be established before they were willing to deem a person or a company insolvent, but in more recent times they have become more liberal as far as creditors are concerned and have held that a debtor is insolvent if a creditor is able to prove that he or she has not paid an undisputed debt after a demand has been made ... and this is the case even if there is other evidence which suggests that the value of the assets outweighs liabilities ...

"Whether a company is cash flow insolvent is principally a question of fact and one which may be established in any number of ways, such as the existence of a large number of outstanding debts and unsatisfied judgments ... or there is lack of assets on which execution can be levied ...

"It has been said that a debtor is not regarded as solvent just because if sufficient time were granted the debts could be paid off ..."

(enfasi ta' din il-qorti)

"Ghar-rigward tal-paragrafu (a) tas-subinciz (5), din il-Qorti tghid illi l-fatt wahdu li l-bank rikorrent kiseb sentenza favur tieghu kontra l-kumpannija intimata ma jissodisfax il-vot tal-paragrafu (a). Huwa minnu li sentenza hija titolu ezekuttiv pero' l-paragrafu (a) jitkellem dwar l-ezekuzzjoni ta' dak it-titolu ezekuttiv permezz ta' wiehed mill-atti ezekuttivi. Fil-kaz tal-lum, ma rrizultax illi wara li l-bank rikorrent kiseb is-sentenza favur tieghu kontra l-kumpannija intimata, ipprezenta xi atti ezekuttiv u ha hsieb l-ezekuzzjoni tieghu. Ghalhekk it-terminu ta' erbgha u ghoxrin (24) gimgha qatt ma skatta nonostante s-sentenza favur il-bank rikorrent.

"Mela l-istanza tar-rikorrent ma tistax tirnexxi taht il-paragrafu (a).

"Dwar il-paragrafu (b) tas-subinciz (5), din il-Qorti diversament presjeduta (PA/GV) fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 2003 fil-kawza "Axel John International AB vs Aluminium Extrusions Limited" qalet hekk –

"*Din il-kondizzjoni tista' tigi verifikata permezz tal-balance sheets wara li jigi kunsidrat jekk l-assets are less than its liabilities. Izda … it is not sufficient for the company to be able to meet its current oibligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets over a lengthy period (Re: European Life Assurance Society 1869 LR 9 Eq 122). Ghalhekk ma hemmx raguni ghaliex il-kredituri ghandhom joqghodu jistennew sakemm il-kumpannija tbiegh l-assets taghha biex forsi xi darba jithallsu*.

"Fil-kaz tal-lum, irrizulta li l-ahhar accounts li pprezentat il-kumpannija intimata kienu dawk tal-1999. Skond id-deposizzjoni ta' Carmel Borg, l-inkwiet taghha mal-Gvern skatta fl-1 ta' Dicembru 2007. Ma gab l-ebda raguni ghala ma sarux accounts ghas-snin 2000 – 2007. Ukoll minn kliem dan ix-xhud, il-kumpannija intimata m'ghandhiex assi. Nafu kemm ghandha taghti lill-bank rikorrent. U jirrizultaw kredituri ohra. Mhux biss jirrizulta li m'ghandhiex assi xi tbiegh biex tissoddisfa lill-kredituri izda rrizulta wkoll li l-kumpannija waqfet ghal kollox mill-operat taghha fl-1 ta' Dicembru 2007 u mhijiex ghalhekk qeghda tiggenera revenue biex thallas lill-kredituri taghha.

"Fuq l-iskorta tal-provi li ngabu a konjizzjoni taghha, din il-Qorti hija sodisfatta illi l-kumpannija ntimata mhijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha abbazi tal-paragrafu (b) tas-subinciz (5) tal-Art.214.

"Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-provi fil-kuntest tal-paragrafu (i) tas-subinciz (a) tas-subartikolu (2) tal-Art.214.

"L-object principali tal-kumpannija intimata jaqra hekk –

"*to export aluminium billets and all types of aluminium products as well as by-products of such industry.*

"L-*Authorised Share Capital huwa ta' fifty thousand Maltese Liri (Lm 50,000) divided into fifty thousand (50,000) Ordinary Shares of Lm 1 each. L-Issued Share Capital Share Capital huwa ta' forty thousand Maltese Liri (Lm 40,000) divided into 40,000 Ordinary shares of one Malta lira each, the nominal value of each share being fully paid up.* L-azzjonisti huma tnejn : Borg Holdings Limited in kwantu ghal 39,999 –il sehem u Charles Borg in kwantu ghal sehem wiehed.

"Ir-rekwiziti tal-paragrafu (i) huma s-sospensjoni tan-negozju tal-kumpannija ghal perijodu bla waqfien ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar. Dawn ir-rekwiziti huma materja ta' fatt. Jidher illi d-disposizzjoni kellha s-source taghha fl-Art.12(1)(d) tal-UK Insolvency Act 1986, liema

disposizzjoni Ingliza m'ghadhiex taghmel parti mill-Act, ghax kienet superata b'legislazzjoni aktar ricenti. Din il-Qorti sejra taghmel riferenza ghad-dottrina Ingliza dwar '*failure to commence business or suspension of business'.*

"Fil-Palmer's Company Law (Edition 25 - Sweet & Maxwell) jinghad hekk –

"*The court's jurisdiction is discretionary and the fact that the petitioner can establish this ground does not give him an automatic right to an order (re. Metropolitan Railway Warehousing Co. Ltd 1887.36.LJCh 827). The court has refused to make an order where there are good reasons for the delay and where the great majority of members desire that the company shall continue. An order may however be made in appropriate circumstances against the majority's wishes. Where the business has merely been suspended the court must be satisfied of an abandonment or inability to carry on. In ascertaining such intention the court will have regard to the opinion and wishes of the majority of shareholders whose names appear on the register. Merely abandoning one of several objects is insufficient (re. Norwegian Titanic Iron Co. (1866) 35 Beav.223).*

"Fil-kaz tal-lum, irrizulta li minkejja l-obbligi taghha u meta *prima facie* ma jidhirx li kienet fl-inkwiet, il-kumpannija intimata ma pprezentatx l-*accounts* taghha lir-Registratur tal-Kumpanniji wara l-1999. Skond Carmel Borg, l-inkwiet taghha beda lejn l-ahhar tal-2007. Carmel Borg ma ta l-ebda spjegazzjoni ghala kumpannija li taf l-obbligi taghha ma tipprezentax l-accounts taghha wara s-sena 2000, meta messha taf illi l-kummerc huwa bbazat fuq ir-regoli u l-fiducja.

"Irrizulta bhala fatt illi l-kumpannija intimata waqfet topera ghal kollox fl-1 ta' Dicembru 2007. U hekk baqghet wieqfa minghajr interruzzjoni sal-gurnata tal-lum. Waqfet topera ghaliex, skond Carmel Borg, ghaliex sfat zgumbrata mill-fabbrika minn fejn kienet topera fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Far, bil-makkinarju taghha maqbud ukoll. Din il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-kwistjoni jekk l-izgumbrament kienx fondat inkella le propju ghaliex dak huwa mertu ta' kawzi li huma pendenti quddiem qrati ohra. Jibqa' pero' l-fatt illi l-azzjoni kontra l-kumpannija intimata ttiehdet minhabba morozita' fil-hlas tal-kera.

"Li huwa pero' rilevanti tassew ghal din il-Qorti huwa l-fatt illi minghajr l-ebda ombra ta' dubju rrizulta li l-inkwiet finanzjarju tal-kumpannija intimata beda ferm qabel l-izgumbrament taghha.

"Tant hekk hu illi s-sentenza favur il-bank rikorrent inkisbet aktar minn erba' snin qabel. Eppure ghalkemm ghamlet hlasijiet akkont, il-kumpannija intimata qatt ma wriet sahha finanzjarja tali li tonora l-obbligi finanzjarji qawwija li kellha versu l-bank rikorrent.

> "Lanqas ma rrizulta li wara l-1 ta' Dicembru 2007, il-kumpannija intimata ghamlet tentattiv biex thaddem in-negozju taghha minn band'ohra jew b'mezzi ohra. Anzi ghamlet il-maqlub: mhux biss abbandunat l-*object* ewlieni tan-negozju taghha izda ma marritx ghal xi wiehed mill-*objects* l-ohra. L-iskuza li gabet kienet illi finanzjarjament ma kienx possibbli tkompli tahdem minn band'ohra. Ghal din il-Qorti dan mhuwiex bizzejjed. Hafna drabi l-*client base* huwa asset tal-kumpannija. Jidher pero' li dan ma kienx koltivat u allura ma serva ghal xejn.
>
> "Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-imgieba tal-kumpannija intimata ma taghtix affidament. Kellha diffikultajiet finanzjarji serji li jxekklu l-operat u n-negozju taghha ferm qabel l-1 ta' Dicembru 2007. Bl-azzjoni li ttiehdet kontriha f'dik id-data, il-kumpannija intimata tpoggiet *out of business*. Fl-istess waqt ma ghamlet propju xejn *to get back into business* non-kuranti tal-fatt illi kellha kredituri li ttrattaw maghha tajjeb u *in bona fides* bl-erogazzjoni ta' ammonti qawwija ta' flus, bhal ma kien il-bank rikorrent. Huwa inaccettabbli ghal din il-Qorti li socjetajiet kummercjali, li ghandhom jattiraw il-fiducja tal-pubbliku propju ghaliex huma *limited liability companies*, jippruvaw jigbdu s-simpatija tal-Qorti billi jwahhlu f'kulhadd, u mhux l-operat jew l-istrategija taghhom ghad-disavventuri jew infortuniji kummercjali taghhom. Din il-Qorti hija sodisfatta li saret il-prova ta' dak rikjest mill-Art.214(2)(a)(i) tal-Kap.386."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Charles Borg u ta' Dr. Raymond Borg li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Frar, 2013, fil-kawza fl-ismijiet premessi in kwantu laqghet it-talbiet ta' FIMBank p.l.c. biex tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-kumpanija Almeco u tipprovdi minflok billi tichad it-talbiet ta' FIMBank p.l.c. fl-interità taghhom.

Rat ir-risposta tas-socjetà appellata FIMBank p.l.c. li in forza taghha talbet illi l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2017, id-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkonsidrat:

Illi l-appell in ezami jitratta l-ilmenti ta' Charles Borg u ta' Raymond Borg, zewg diretturi tas-socjetà intimata Almeco Limited, li taghha qieghed jintalab ix-xoljiment u stralc a tenur tal-Artikolu 214 (2) (a) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta).

Qabel ma jigu trattati l-aggravji tad-diretturi Borg, tajjeb li jigi pprecizat li fil-proceduri odjerni s-socjetà intimata Almeco Limited baqghet kontumaci u kuntrarjament ghal dak li jinghad fir-rikors tal-appell, imkien mill-atti ma tirrizulta xi talba da parti taghha biex twiegeb ufficjalment ghat-talbiet ta' FIMBank p.l.c., jew li b'xi mod ippruvat titlob li tiggustifika l-kontumacja taghha, jew li ghamlet xi talba ohra li giet michuda mill-ewwel Qorti.  Dan qieghed jinghad mill-bidu sabiex l-affarijiet ikunu qeghdin esposti fil-perspettiva gusta.

L-ewwel aggravju tad-diretturi Charles u Raymond Borg huwa bbazat fuq l-Artikolu 218(6) tal-Att dwar il-Kumpaniji, fis-sens li bhala diretturi

kellhom il-jedd li jaghmlu sottomissjonijiet waqt is-smigh ta' rikors ghal stralc maghmul taht l-istess artikolu. Jilmentaw li dan il-jedd sancit taht dan l-artikolu ma giex osservat u konsegwentement gew miksura u ppregudikati d-drittijiet tal-appellanti, flimkien mad-drittijiet ta' kontributorji u kredituri tal-kumpannija Almeco Limited. Jishqu li tali ksur jista' jirrizulta li huma jigu soggetti, bhala ufficjali tal-kumpannija Almeco Limited, ghal diversi rimedji li l-ligi tipprovdi favur ta' stralcarju u ta' kredituri u li huma jkollhom fil-konfront ta' ufficcjali ta' kumpannija stralcjata u/jew li qed tigi stralcjata. Jinsistu li ladarba huma ma gewx notifikati bl-atti promoturi tal-kawza fl-ismijiet premessi, u ma nghatawx id-dritt bazilari ta' smiegh xieraq kif jipprovdi l-imsemmi Artikolu 218(6) tal-Kap. 386, il-process tat-talba odjerna ghall-istralc tal-kumpannija Almeco Limited gie vizzjat b'mod irreparabbli, stante li ma kellhomx l-opportunità juzufruixxu mid-dritt ghas-smiegh xieraq, kif lilhom moghti skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea. B'zieda mal-premess u fuq l-istess linja, l-appellanti jilmentaw illi jhossuhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti li naqset milli tosserva l-provvediment tal-Artikolu 219 tal-Kap. 386, li jaghti s-setgha lill-Qorti li taghti numru ta' ordnijiet, izda jipprovdi wkoll li l-Qorti m'ghandha taghti ebda ordni ghal stralc, qabel ma r-rikors ikun notifikat lil dawk il-persuni li l-qorti fic-cirkostanzi u fuq taghrif moghti mir-rikorrent jidhrilha li ssejjah biex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom.

Ghandu jinghad mal-ewwel li dan l-ewwel aggravju tal-appellanti Borg huwa ritenut al kwantu fieragh. Jibda billi jinghad li minn ezami tal-atti jirrizulta li n-notifika tas-socjetà intimata Almeco Limited tal-proceduri odjerni saret fl-indirizz Numru 7, Triq Notabile, Attard, u li mir-referta in atti jirrizulta li saret fil-25 ta' Awwissu, 2012, f'idejn l-appellant Dr. Raymond Borg. Tajjeb li jigi puntwalizzat li minn ezami tal-*Memorandum of Association* ta' Almeco Limited, dan l-istess indirizz kien indikat bhala l-indirizz tad-direttur Dr. Raymond Borg. Wara li saret l-imsemmija notifika, fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012, gie rilevat mill-ewwel Qorti, li l-kumpannija intimata kienet notifikata u ma pprezentatx risposta, inghad li ghalhekk kienet ser titqies fi stat ta' kontumacja. Meta regghet issejhet il-kumpannija Almeco Limited, deher id-difensur tas-socjetà intimata, filwaqt li l-kawza thalliet sabiex jitressqu l-provi da parti tal-kumpannija attrici. Fis-seduta sussegwenti, tal-20 ta' Novembru, 2012, deher Carmel sive Charles Borg, ghall-kumpannija konvenuta assistit mill-avukat difensur Dr. Jonathan De Maria. Fl-istess seduta, wara li xehed l-istess Charles Borg, appellant f'dawn il-proceduri, u wara li l-bank attur iddikjara li m'ghandux provi aktar xi jressaq, inghad mill-avukat difensur tas-socjetà intimata li ghalkemm din kienet tinstab fi stat ta' kontumacja riedet tipprevalixxi ruhha mid-dritt li taghti l-ligi li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet, liema talba ntlaqghet mill-ewwel Qorti, u konsegwentement saru in-noti tal-kontendenti fil-

kawza. Din ir-rassenja tal-fatti tirrifletti kemm l-argument tal-appellanti ma jregix.

Il-lanjanza tal-appellanti lanqas ma tinsab sorretta mill-aspett ta' dritt. Ghalkemm il-legislatur ried li kull parti interessata jew involuta f'socjetà kummercjali jkollha d-dritt awtomatiku li taghmel sottomissjonijiet lill-Qorti f'kawza ta' stralc, l-uniku persuna li l-ligi tesigi li ghandha tigi notifikata b'kopja tar-rikors ghal stralc huwa r-Registratur tal-Kumpanniji u dan a tenur tal-Artikolu 218(8) tal-Kap. 386, notifika li mir-referta in atti jirrizulta li saret.  Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tal-15 ta' Settembru, 2014, fl-ismijiet **Ivan Calleja nomine v. M.I.M.S. Supplies Limited:**

> *"Fl-assenza ta' disposizzjoni cara ad hoc jista' jfisser li stricto jure lanqas il-kumpannija stess li taghha qieghed jintalab ix-xoljiment u l-istalc m'ghandha ghalfejn tkun notifikata bir-rikors. Din il-Qorti m'hijiex pero' tal-fehma illi ghandha tigi adottata linja legalistika hekk stretta mbaghad fi procediment tant serju u gravuz ta' xoljiment u stralc. Il-Qorti tghid minn naha wahda illi l-presenza tal-kumpannija li taghha jkun qieghed jintalab ix-xoljiment u l-istralc ghandha tkun parti fil-kawza sabiex tiddefendi l-interess taghha u sabiex jigi assikurat li ma ggarrab l-ebda pregudizzju ghaliex ma tkunx taf bil-procediment istitwit kontra taghha; tista' tkun addirittura favur it-talba ghax-xoljiment u stralc; tista' ma tkunx u allura f'dak il-kaz tiddefendi ruhha mit-talba, min-naha l-ohra ma tarax li sabiex il-gudizzju jkun integru ghandha tkun sine qua non l-partecipazzjoni bhala parti fil-kawza tad-diretturi tal-istess kumpannija jew tal-azzjonisti. Il-posizzjoni taghhom hija ben tutelata bl-Art 218(6) tal-Kap 386."*

Din il-Qorti filwaqt li taqbel ma' dan l-insenjament, tinnota li fil-kaz in ezami l-punt jibqa' li d-diretturi appellanti kienu ben konsapevoli bil-proceduri in kwistjoni, tant li wiehed laqa' f'idejh in-notifika tal-atti f'isem

il-kumpannija intimata u l-iehor ghalkemm mhux imharrek bhala direttur, deher f'seduta minnhom u ghalkemm xehed wara li gie msejjah mill-bank attur sabiex jixhed, xehed b'mod dettaljat fl-interess tas-socjetà intimata. Il-ligi tipprovdi li d-diretturi ghandhom dritt jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom quddiem il-Qorti fil-proceduri ghall-istralc. Mill-atti jirriżulta li ghalkemm l-appellanti kienu ben konsapevoli bil-proceduri odjerni, ma ressqu ebda talba diretta jew formali li jaghmlu xi sottomissjonijiet quddiem l-ewwel Qorti bhala diretturi tas-socjetà intimata. It-talba li jitressqu s-sottomissjonijiet saret biss mis-socjetà intimata, li kif inghad qabel, saru u jirrizultaw esebiti in atti. Isegwi li fic-cirkostanzi din il-Qorti ma jidhrilix li l-interessi tad-diretturi appellanti gew ippregudikati b'xi mod bil-fatt li ma gewx direttament imharrka fil-proceduri odjerni. Anzi huwa ritenut opportun li jinghad li m'ghandux ikun imholli li diretturi ta' kumpannija, li jirrizultaw ben konsapevoli tal-procedimenti avvanzati minn kreditur ta' kumpannija, li taghha qieghed jintalab l-istralc, ihallu l-proceduri ghaddejjin minghajr ma jaghmlu intervent ta' xejn, sabiex imbaghad iressqu appell bhal dak in ezami u jallegaw ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq kif sancit fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Dan l-agir huwa ritenut abbusiv tal-proceduri, u certament mhuwiex xieraq u jimmerita li jigi penalizzat kif ser jinghad aktar 'il quddiem.

In kwantu l-aggravju tad-diretturi appellanti jiccentra fuq l-artikolu 219 tal-Kap. 386, din il-Qorti taqbel ma' dak li jinghad mis-socjetà appellata fir-risposta taghha li l-ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex tezercita d-diskrezzjoni moghtija lilha taht l-imsemmi artikolu li tinnotifika lil dawk il-persuni li fic-cirkostanzi thoss li ghandha ssejjah biex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom, proprju peress li ghalkemm is-socjetà intimata kienet kontumaci hija kellha kull opportunità li taghmel, kif fil-fatt ghamlet, is-sottomissjonijiet taghha u jekk id-diretturi appellanti xtaqu jaghmlu xi sottomissjonijiet taghhom, certament anke d-diretturi appellanti kellhom kull opportunità li jidhru u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom. Tant hu hekk, li kif inghad qabel, wiehed mid-diretturi appellanti, Dr Raymond Borg, laqa' n-notifika tal-atti tal-proceduri odjerni u d-direttur appellant l-iehor, Charles Borg, deher quddiem il-Qorti u xehed. Kwindi ma kien hemm xejn li ostakola lill-istess diretturi milli jressqu talba opportuna quddiem l-ewwel Qorti sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom, jekk dehrilhom li kien ikun indikat li hekk isir. Izda, ma jistghux id-diretturi appellanti, f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri, jittantaw jispustaw l-izbalji jew nuqqasijiet taghhom fuq il-Qorti.

Isegwi li din il-Qorti ma rriskontrat ebda nuqqas da parti tal-ewwel Qorti fit-thaddim tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 218(6) u 219 tal-Kap. 386 u dan l-ewwel aggravju ser jigi rigettat bhala wiehed fieragh.

It-tieni aggravju tal-appellanti Charles u Raymond Borg huwa msejjes fuq l-ilment li l-ewwel Qorti qieset li s-socjetà intimata kienet fi stat ta' kontumacja u ma hallietx lill-istess socjetà tressaq provi fl-atti tar-rikors ghall-istralc imressaq mis-socjetà appellata. Dan meta l-kontumacja kellha tittiehed bhala kontestazzjoni u mhux bhala stqarrija jew ammissjoni da parti tal-konvenuta ghal dak li jkun qieghed jintalab jew jigi allegat kontrih da parti tal-attrici. Itennu li l-fatt li s-socjetà intimata ma thallietx tressaq provi jikkostitwixxi ksur lampanti tad-drittijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali taghha.

In materja ta' kontumacja, tajjeb li jigi mfakkar li kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-6 ta' Dicembru, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Pace & Pace Company Limited v. Integrated Business Systems Limted**:

> "*L-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut… u hija din id-disubbidjenza animata psikologikament b'dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali*."

Hekk ukoll fis-sentenza taghha tat-12 ta' Jannar, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Market Handle Limited v. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited**, inghad:

*"Illi sa minn dejjem, il-Qrati taghna qiesu li jaghmlu differenza bejn il-kontumacja b'tort u dik gustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-ahhar zminijiet u gharfu u fissru bejn dik il-parti mharrka li turi disinteress assolut u l-ohra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawza u li ma lahqitx ghamlet dan jew ma lahqitx uzat il-mezzi li taghtiha l-ligi ghal raguni li ma kinitx tahti ghaliha."*

Jigi ribadit illi fil-proceduri odjerni s-socjetà intimata Almeco Limited baqghet kontumaci u kuntrarjament ghal dak li jinghad mid-diretturi taghha, fl-appell in ezami, imkien mill-atti ma tirrizulta xi talba da parti taghha biex twiegeb ufficjalment ghat-talbiet ta' FIMBank p.l.c. jew li b'xi mod ippruvat tiggustifika l-kontumacja taghha, li giet michuda mill-ewwel Qorti. Minkejja li s-socjetà appellanti kienet debitament notifikata, hija mhux biss naqset milli tipprezenta r-risposta taghha, izda naqset milli tidher ukoll quddiem il-Qorti fl-ewwel seduta wara li kienet notifikata meta deher biss id-difensur taghha. Aghar minn hekk, tul il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, fiz-zewg seduti li saru qabel ma nghata l-provvediment appellat, deher l-avukat tas-socjetà konvenuta u qatt ma jirrizulta li sar tentattiv sabiex il-kontumacja tigi gustifikata. Lanqas ma jirrizulta dak li jinghad fir-rikors tal-appell, fis-sens li s-socjetà konvenuta ttantat tressaq xi provi u li ma thallietx taghmel dan mill-ewwel Qorti. Isegwi li dan l-ilment tad-diretturi appellanti mhuwiex sorrett mir-rizultanzi tal-process in atti.

Din il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza citata mill-appellanti li, in materja ta' kontumacja, din ma tehlisx lill-attur milli jissodisfa r-rekwizit tal-ligi li

jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilita' u li jressaq l-ahjar prova, kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd v. Philip Borg Bellanti et** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005:

> *"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"*

Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe**., inghad:

> *"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba tal-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:*
>
> *"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' Ordni Pubblika."*

Ghalhekk jonqos li jigi trattat l-appell sa fejn jattakka l-mertu tal-provvediment, dak fejn id-diretturi appellanti jikkontendu li kien inkombi fuq is-socjetà appellata li tipprova dak allegat minnha fir-rikors promotur, cioè li ilha ma topera ghal mill-anqas tnax-il xahar u li ma tistax thallas id-djun taghha. Fil-verità hija l-fehma ta' din il-Qorti li, peress li s-socjeta` konvenuta naqset li sahansitra tipprova tiggustifika l-

kontumacja taghha, u konsegwentement hija prekluza milli tressaq aggravji fil-mertu quddiem din il-Qorti, d-diretturi appellanti jittantaw iressqu dan l-aggravju fil-mertu bhala appell minn terzi. Izda peress li skont il-*Memorandum of Association,* filwaqt li Charles Borg huwa azzjonist kif ukoll direttur tal-kumpannija konvenuta, filwaqt li Dr Raymond Borg huwa direttur tal-kumpannija tas-socjetà konvenuta, huwa ritenut li l-appellanti ghandhom l-interess guridiku mehtieg sabiex jipprocedu b'dan l-appell u ghalhekk ikun utli li jigi nvestit dan l-ahhar aggravju.

Madankollu jigi ribadit li l-funzjoni tal-Qorti tal-Appell hija u tibqa' essenzjalment wahda ta' revizjoni u m'ghandha qatt isservi jew tigi uzata biex lakuni li kienu thallew vojta mill-partijiet jew xi wahda minnhom jigu kolmati u "rimedjati" fit-tieni stadju. Minbarra din, jigi osservat ukoll illi hija prassi ta' din il-Qorti li ma tiddisturba qatt leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet serji li jkunu jiddettaw xort'ohra. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vella v. Pierre Cremona**).

L-appellanti Charles u Raymond Borg isostnu li t-talba tas-socjetà appellata FIMBank p.l.c. hija bbazata fuq zewg premessi:

1. Li s-socjetà Almeco mhijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha (skont l-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386; u
2. Li n-negozju tas-socjetà Almeco ilu sospiz ghal perjodu bla waqfien ta' tnax-il xahar (skont l-Artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kap. 386 ta' erbgha u ghoxrin xahar).

Ghall-finijiet tas-subartikolu (2)(a)(ii) tal-Artikolu 214, il-ligi tipprovdi taht l-Artikolu 214(5) tal-Kap. 386, illi l-kumpannija titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha:

> *"(a) jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma tHallasx gHal kollox jew f'parti wara erbgHa u gHoxrin ġimgHa mill-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wieHed mill-atti eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; jew*
>
> *(b) jekk ikun ippruvat gHas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpannija ma tkunx tista' tHallas id-djun tagHha, meta din tqis ukoll il-passiv kontinġenti u prospettiv tal-kumpannija."*

Id-diretturi appellanti jikkontendu illi filwaqt li jaqblu ma' dak deciz mill-ewwel Qorti sa fejn inghad minnha li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi taht il-precitat paragrafu (a), huma jhossuhom aggravati bid-decizjoni tal-ewwel Qorti sa fejn laqghet it-talbiet attrici kif proposti a tenur tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 214(5) tal-Kap. 386. Fil-fehma taghhom kellu jkun ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-kumpannija konvenuta ma tkunx tista' thallas id-djun taghha permezz tal-hekk imsejjah *balance sheet test.* Kwindi jargumentaw li s-socjetà attrici kellha oneru tal-prova gholi ferm, peress li kellha turi mhux biss li s-socjetà Almeco Limited kienet tinsab f'sitwazzjoni finanzjarja difficli, izda li ma fadal ebda tama li

xi darba tista' ttejjeb il-posizzjoni finanzjarja taghha peress li tkun waslet f'*point of no return.* Jghidu wkoll li ghalkemm huwa veru li Almeco Limited kienet tahdem principalment fil-qasam tal-aluminju, però fl-*objects clause* tal-*Memorandum and Articles of Association* kien hemm elenkati diversi forom ohra ta' negozju li tistà topera fihom li bihom tista' ttejjeb il-posizjoni finanzjarja taghha, sakemm tkun ghadha fuq il-lista ta' kumpanniji u tkun ghadha fi stat li tista' topera. Jghidu li s-socjetà in kwistjoni ghandha potenzjal qawwi li madankollu qieghed jigi mxejjen mill-agir tas-socjetà attrici biex taghlaq is-socjetà Almeco Limited.

Tajjeb li jigi mfakkar, li kif osservat mill-ewwel Qorti, meta tfassal il-mudell ghal-ligi taghna l-gdida dwar il-kumpanniji, il-legislatur ibbaza ruhu hafna fuq il-*Companies Act* Ingliza 1985. Fil-ligi Ingliza ix-xoljiment u l-istralc ta' kumpanniji kien trattat f'legislazzjoni *ad hoc* u cioe' l-*Insolvency Act* tal-1986. Meta fl-1995 saret il-ligi taghna l-gdida dwar il-kumpanniji li hadet post il-*Commercial Partnerships Ordinance* 1962, id-disposizzjonijiet li jolqtu x-xoljiment u l-istralc kienu integrati fl-Att tal-1995. Filwaqt li fil-ligi taghna, l-kumpannija li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha hija ben definita mil-ligi stess, permezz tal-Artikolu 214(5) tal-Kap. 386, fil-ligi Ingliza, il-posizzjoni hija aktar wiesgha. Il-koncett ta' insolvenza fil-ligi taghna huwa aktar ristrett minn dak tal-ligi Ingliza ghalkemm hemm punti ta' konvergenza.

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Marclem Limited v. X**:

> *"Dak previst mill-Art 214(5)(b) tal-Kap 386 jabbina ruhu ma' balance sheet insolvency.*
>
> *Dan l-abbinament jista' jsir minhabba d-dicitura tad-disposizzjoni rilevanti tal-Insolvency Act 1986 (li hija kwazi identika ghal taghna) u cioe' l-Art 123(2) li taqra hekk –*
>
> *A company is also deemed unable to pay its debts if it is proved to the satisfaction of the court that the value of the company's assets is less than the amount of its liabilities, taking into account its contingent and prospective liabilities.*
>
> *Fil-ktieb Insolvency Law – Corporate and Personal ta' Andrew Keay u Peter Walton (op. cit.) pg 19 jinghad hekk dwar balance sheet insolvency kif mifhuma fil-kuntest tal-Insolvency Act 1986 –*
>
> *In determining whether the assets are outweighed by the liabilities a court is able to take into account contingent and prospective liabilities, but not contingent and prospective assets [Byblos Bank SAL v. Al-Khudhairy (1986) 2 BCC99, 549 (CA) It has been said that "liabilities" is a broader term compared with "debts" [Re A debtor (No 17 of 1966) (1967) Ch 590 ; (1967) 1 All ER 668]. "Liabilities" is defined for the purposes of winding up in rule 13.12 (4) to mean "a liability to pay money or money's worth, including any liability under an enactment, any liability for breach of trust, any liability in contract, tort or bailment and any liability arising out of an obligation ta make restitution". Then rule 13.12 (3) states that it is immaterial whether the liability is present or future, whether it is certain or contingent, or whether its amount is fixed or liquidated, or is capable of being acertained by fixed rules or as a matter of opinion.*
>
> *Clearly with this test it is only possible to take into account the assets owned by the company including the uncalled capital of the company [Re National Livestock Insurance Co (1858) 26 Beav 153 ; 53 ER 855 ...*
>
> *…*
>
> *Fil-Pag 114 tar-Raba' Edizzjoni (2011) ta' Principles of Corporate Insolvency Law (ippubblikat minn Sweet & Maxwell) l-awtur Roy Goode ighid hekk –*
>
> *The idea underlying this test … is that it is not sufficient for the company to be able to meet its current obligations if its total liabilities*

> *can ultimately be met only by the realisation of its assets and these are insufficient for the purpose …*
>
> *Fil-Pag 130 ikompli hekk –*
>
> *The mere excess of liabilities over assets is not in itself determinative. What has to be shown is that by reason of the deficiency of its assets the company has reached the point of no return."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti wara li rat l-provi in atti, tabilhaqq jirrizulta li l-kumpannija Almeco Limited waslet f'dan il-*"point of no return".* Dan jinghad peress li kif rilevat mill-ewwel Qorti, mill-provi mressqa in atti:

(i) jirrizulta li l-ahhar accounts li pprezentat il-kumpannija intimata kienu dawk tal-1999;

(ii) il-kumpannija intimata m'ghandhiex assi xi tbiegh biex tissoddisfa lill-krедituri;

(iii) jirrizulta d-debitu sostanzjali u ngenti li huwa dovut lill-bank rikorrent (ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Vincent Farrugia, senior manager ta' FIMBank p.l.c. u d-dokumenti esebiti minnu);

(iv) jirrizultaw kredituri ohra;

(v) jirrizulta wkoll li l-kumpannija waqfet ghal kollox mill-operat taghha fl-1 ta' Dicembru 2007 u mhijiex ghalhekk qeghda tiggenera flus biex

thallas lill-kredituri taghha. Jekk ma jsirx negozju ma jistax ikun hemm dhul u minghajr dhul ma jistghux jithallsu d-djun;

(vi) is-socjetà appellanti illum ilha wieqfa ghal madwar ghaxar snin, u biex terga' tibda tehtieg investiment kapitali sostanzjali, dan apparti li tilfet kull *goodwill* u l-klijentela li seta' kellha.

Konsidrat dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjetà konvenuta ma tistax tiehu r-ruh mill-punt imweghri li spiccat fih. Kunsidrat ukoll illi l-problemi finanzjarji tas-socjetà konvenuta tabilhaqq jirrizulta li bdew sahansitra qabel ma giet zgumbrata mill-fabbrika f'Hal Far, tant li l-Bank appellat kien beda proceduri gudizzjarji sabiex jirkupra l-flus dovuti lilu mis-socjetà in kwistjoni, sa minn hames snin qabel, fis-sena 2002.

Inoltre, wara li rat ix-xhieda ta' Charles Borg, prodott mis-socjetà attrici, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellanti diretturi qeghdin jippretendu li l-ewwel Qorti kellha tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha, mhux biss ghall-fatt li d-direttur Charles Borg, issa wiehed mill-appellanti, hemm sahaq li l-kumpannija Almeco Limited ma ghandhiex assi, talli fuq mistoqsija tal-ewwel Qorti dwar jekk setghux joperaw minn x'imkien iehor, ix-xhud insista li ma setghux peress li jallega li l-Gvern kien hadilhom mhux biss il-makkinarju izda l-istokk kollu. Mistoqsi specifikatament mill-Qorti jekk setghux jibdew *from scratch,* jinghad li

dan ma kienx possibbli minhabba l-kapital mehtieg. Jigifieri huwa al kwantu kontradittorju li fl-istadju tal-appell l-istess diretturi appellanti jsostnu li hemm diversi forom ohra ta' negozju li tista' topera fihom li bihom tista' ttejjeb il-posizjoni finanzjarja taghha, sakemm tkun ghadha fuq il-lista ta' kumpanniji u tkun ghadha fi stat li tista' topera. Dan meta kull possibilità ventilata mill-ewwel Qorti li s-socjetà Almeco Limited terga' tigi fuq saqajha kienet imxejna mill-istess Direttur, illum appellant.

Meqjus dan kollu, din il-Qorti, bhal ta' qabilha, hija sodisfatta illi l-kumpannija ntimata mhijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha abbazi tal-paragrafu (b) tas-subinciz (5) tal-Artikolu 214.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar ilment tad-diretturi appellanti, dak fejn jishqu li s-socjetà attrici appellata ma gabitx evidenza bizzejjed biex tipprova li n-negozju tas-socjetà konvenuta kien ilu sospiz ghal aktar minn erbgha u ghoxrin xahar bla waqfien kif jipprovdi l-Artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kap. 386. Jilmentaw li l-ewwel Qorti ma qisetx bizzejjed x'jikkostitwixxi l-elementi kollha ta' negozju meta ddecidiet li n-negozju ta' Almeco Limited kien ilu sospiz ghal aktar minn erbgha u ghoxrin xahar bla waqfien. Jergghu jirreferu ghall-fatt li fl-*objects clause* tal-*Memorandum and Articles of Association* ta' Almeco Limited kien hemm elenkati tnax-il paragrafu li jirriflettu forom ohra ta' negozju li l-istess socjetà kienet inkorporata biex twettaq. Tinsisti li l-piz tal-prova mixhut fuq is-socjetà

appellata li kienet qeghda tallega li Almeco Limited ma kienet qeghda twettaq ebda negozju, kien onoruz hafna, kif kontemplat fil-ligi f'kawza civili tant li kellu jwassal f'mohh il-gudikant certezza morali u mhux semplicement possibilità, li kull oggett elenkat fil-*Memorandum and Articles of Association* kien ilu sospiz ghal aktar minn erbgha u ghoxrin xahar bla waqfien, liema prova jinsistu li ma saritx. Jikkontendu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ordnat l-istralc tal-kumpannija Almeco Limited meta ma kienetx munita bil-prova li n-negozju tal-istess kumpannija kien ilu sospiz ghal aktar minn erbgha u ghoxrin xahar bla waqfien.

Huwa ritenut li dan l-ilment tad-diretturi appellanti huwa wkoll fieragh ghall-ahhar. Kif inghad qabel, mix-xhieda moghtija mid-direttur Charles Borg, illum appellanti f'dawn il-proceduri, jirrizulta li kien kategoriku meta qal li l-kumpannija kienet ilha ma topera ghal hames snin! Meta xehed waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru, 2012, l-istess direttur qal:

> *"Il-kumpanija ma tistax topera ghax il-Gvern skond ahna u anke skond il-kawzi li ghandna miftuhin ghamel pussess taghha llegalment filfatt ahna ilna fuq erba' snin, ha taghlaq hames snin mill-1 ta' Dicembru, jew 2007 jew 2008."*

Dan apparti kif inghad qabel, fuq diversi mistoqsijiet maghmula lill-istess direttur appellant mill-ewwel Qorti, li kienet qeghda tipprova tixtarr jekk kienx hemm possibilità li s-socjetà intimata Almeco Limited terga' tibda ddawwar ir-rota b'xi mod jew iehor, l-istess xhud jishaq li n-nuqqas ta'

assi, inkluz il-makkinarju u l-istokk kollu, ma setghux jibdew *from scratch,* peress li ma kellhomx il-kapital mehtieg. Il-punt imqajjem mid-diretturi appellanti effettivament kien trattat mill-ewwel Qorti meta qalet:

> *"mhux biss abbandunat l-object ewlieni tan-negozju taghha izda ma marritx ghal xi wiehed mill-objects l-ohra."*

Fir-rigward tal-oggetti elenkati fil-*Memorandum and Articles of Association,* din il-Qorti wara li rat l-istess, hija tal-fehma li filwaqt li huwa minnu li hemm diversi oggetti elenkati, l-bicca l-kbira huma ancillari ghall-ghan principali, dak li jesportaw l-aluminju. Hawn ukoll mix-xhieda ta' Charles Borg, mistoqsi x'attività kummercjali kienet taghmel Almeco Limited, dan wiegeb:

> "Xhud: …*kienet tesporta aluminium profiles lejn,*
> Qorti: *Tahdimhom hawnhekk*.
> Xhud: *Nahdimhom hawnhekk*.
> Qorti: *U tesportahom*.
> Xhud: *Sakemm bqajna miftuhin*…"

Fl-ebda stadju x-xhud ma indika li Almeco Limited kienet qeghda twettaq xi attività jew negozju iehor. Ghalhekk id-diretturi appellanti ma jistghux serjament jippretendu li l-ewwel Qorti kellha tistharreg jekk is-socjetà intimata kienetx qeghda twettaq xi negozju iehor minn dawk elenkati fil-*Memorandum and Articles of Association* meta dan jinstab ben stabbilit mill-istess xhieda tad-direttur appellant. Din il-Qorti hija

moralment konvinta li n-negozju principali tas-socjetà konvenuta kien l-esportazzjoni tal-aluminju u meta fl-2007 waqaf dan in-negozju tas-socjetà Almeco Limited, spicca waqaf kollox. Altru li jinsab ippruvat li n-negozju tas-socjetà konvenuta ilu sospiz ghal aktar minn erbgha u ghoxrin xahar, bla waqfien. Kif ighid il-Professur Andrew Muscat dwar *disappearance of the substratum f'* "**Principles of Maltese Company Law**" (MUP – 2007, pagna 1020):

> *"A company's substratum is the purpose or group of purposes which it is formed to achieve – in other words, its main objects. If the company has abandoned all its main objects (and not merely some of them) or if in practice it cannot achieve any of them, then its substratum has disappeared …"*

Tabilhaqq socjeta` li ma taghmilx negozju hija entita' inattiva ghaliex ma tkunx qeghda taqdi l-ghanijiet taghha. Isegwi li wara li din il-Qorti qieset mill-gdid ic-cirkostanzi tal-kaz, fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet ta' dritt, ma tirriskontra ebda nuqqas fl-uzu tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti meta rriteniet li fil-kaz in ezami jinsabu sodisfatti r-rekwizit taht l-Artikolu 214(2)(a)(i), tal-Artikolu 214(2)(a)(ii), u l-Artikolu 214(5) (b) tal-Kap. 386 u li wassluha biex tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Almeco Limited.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell interpost mid-diretturi appellanti, billi tichad l-istess, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fis-shih.

Bl-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu mill-istess diretturi appellanti u ghar-ragunijiet imfissra qabel u b'applikazzjoni tal-Artikolu 223(4) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, tordna li jhallsu spejjez doppji.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
df